MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 491/2009

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**Vs**

**Gaetano Mark Savery ID 88396(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' €7,633.10 (sebat' elef sitt mija tlieta u tletin Euro u ghaxar centezmi) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' telefonija cellulari in konnessoni ma' mobile phone bin-numru 99453993 u wkoll servizzi ta' portable internet rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Il-konvenut minkejja li nterpellat diversi drabi, baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ qbid numerat 3687/09 gia pprezentat, u bl-imghax mill-1 ta’ Awissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-13 ta' Jannar 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €7,633.10 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ Awissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta’ qbid numru 3687/09.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------